MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2009

Numru 377/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen Mallia**

**vs**

**James Camilleri**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat James Camilleri ta’ 47 sena iben Angelo u Victoria nee’ Sultana, imwieled Pieta fl-1 ta’ Dicembru 1961, u residenti fil-fond ‘The Garden Appartments’, Block ‘D’ Flat 6, Triq il-Port Ruman, Qawra u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 737561 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fis-16 ta' Gunju, 2008, u fil-jiem ta' qabel, fil-Marsa u f'inhawi differenti f'dawn il-Gzejjer,

1. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza, u cioe' minn zewg tarek tar-registrazzjoni bin-numru LVY 163 maghmul fuq il-*PVC*, uzat fuq vettura tal-ghamla Ford Transit van bin-numru tar-registrazzjoni originali LVY 225 li dak iz-zmien kien ghadu mhux registrat mall-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza, u cioe' minn zewg tarek tar-registrazzjoni bin-numru LVY 163 maghmula fuq il-*PVC*, imwahhla fuq vettura tal-ghamla Ford Transit van bin-numru tar-registrazzjoni originali LVY 225 li dak iz-zmien kienu ghadu mhux registrat mall-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta;

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, sabiex kiseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi wahhal sett tarek tar-registrazzjoni foloz bin-numru LVY 163 fuq vettura differenti minn dik li ghaliha kienu jappartjenu l-istess pjanci tar-registrazzjoni, u cioe' billi wahhal l-istess tarek fuq vettura tal-marka Ford Transit van bin-numru tar-registrazzjoni originali LVY 225 li dak iz-zmien kienu ghadu mhux registrat mall-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, billi wahhal sett tarek tar-

registrazzjoni foloz bin-numru LVY 163 fuq vettura differenti minn dik li ghaliha kienu jappartjenu l-istess tarek tar-registrazzjoni, u cioe' billi wahhal l-istess tarek fuq vettura tal-marka Ford Transit van bin-numru tar-registrazzjoni originali LVY 225 li dak iz-zmien kien ghadu mhux registrat mall-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta;

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ghamel uzu minn zewg tarek tar-registrazzjoni ohra minn dawk mahruga mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta, u cioe' minn zewg tarek bin-numru tar-registrazzjoni jaqraw LVY 163 maghmula fuq il-PVC, uzati fuq vettura tal-marka Ford Transit van bin-numru tar-registrazzjoni originali LVY 225 li dak iz-zmien kien ghadu mhux registrat mall-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datata 23 ta' April 2009 (esebita a fol. 8 tal-process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-17 ta' Lulju, 2009 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tas-17 ta' Lulju, 2009 ghat-tieni (2), t-tielet (3) u l-hames (5) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghat-tieni (2), t-tielet (3) u l-hames (5) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess imputat il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-istess imputat (esebita a *folio* 4-5 tal-process), il-fatt li l-imputat ikkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet u l-fatt li l-imputat ammetta t-tieni (2), t-tielet (3) u l-hames (5) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 183, 184, 188 u 189 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 34 (5) tal-Avviz Legali 476/04 ssib lill-imputat hati tat-tieni, t-tielet u l-hames akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena millum.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel(1) u r-raba’(4) akkuzi migjuba fil-konfronti ta’ l-imputat stante li dawn gew irtirati mill-Proskuzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------